*A tenur tal-artikolu 229(3) u (10) tal-Kap. 12, l-appellant kellu l-ewwel jottjeni l-permess tat-Tribunal qabel ma jintavola l-appell odjern, anki jekk dan kien wieħed mogħti in camera, għaliex f'dak il-każ huwa kellu jippreżenta l-appell tiegħu fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-ewwel seduta li t-Tribunal ikun żamm wara li ngħata l-imsemmi digriet*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2020

Appell Inferjuri Numru 26/2020 LM

**Reginald Heraghty (K.I. nru 34848M)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**Fexserv Financial Services Limited (C 18400)**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Reginald Heraghty** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-digriet mogħti fis-7 ta' Lulju, 2020, fil-Kwistjoni tax-Xogħol Nru 3752/HW [minn issa 'l quddiem "id-digriet appellat"], mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], fejn laqa' t-talba tas-

soċjetà intimata **Fexserv Financial Services Ltd (C 18400)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"] sabiex jitpoġġa isem persuna oħra fuq il-lista tax-xhieda.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tal-appellant, li kien jaħdem bħala *courier representative* mas-soċjetà appellata għal madwar disa' snin u nofs, u dan mingħajr ma ngħata l-ebda raġuni għat-tkeċċija tiegħu.

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fid-29 ta' April, 2019, permezz ta' rikors fejn talab sabiex l-imsemmi Tribunal:

*"i. Jiddikjara li t-tkeċċija mill-impjieg tal-esponenti da parti tas-soċjetà ntimata deċiża fit-22 ta' Marzu 2019 kienet waħda nġusta u mhux ġustifikata fil-Liġi;*

*ii. Jillikwida d-danni sofferti mill-esponenti konsegwenza tad-deċiżjoni ta' tkeċċija nġusta meħuda mis-soċjetà intimata;*

*iii. Jordna lis-soċjetà intimata tħallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati; u*

*iv. Jagħti kull provvediment ieħor xieraq, ekwu u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-soċjetà intimata".*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-10 ta' Ġunju, 2019 fejn eċċepiet li l-prinċipal għandu dritt li jtemm l-impjieg tal-impjegat hekk kif dan jilħaq l-età tal-pensjoni skont kif imfisser fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

**<u>Id-digriet appellat</u>**

5. Waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal, is-soċjetà appellata għamlet talba bil-miktub sabiex tiġi awtorizzata tressaq bħala xhieda lil Joseph Farrugia, Direttur Ġenerali tal-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, u anki lil Diane Vella Muscat bħala Direttriċi Ġenerali tad-Dipartiment tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali jew rappreżentant tagħha. Aktar tard waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru, 2019, is-soċjetà appellata rrinunzjat għax-xhieda ta' Diane Vella Muscat. L-appellant min-naħa tiegħu oppona għat-talba.

6. It-Tribunal għadda biex ta s-segwenti digriet:

> *"L-ewwel seduta ta' dan il-każ saret fit-28 ta' Novembru, 2019 u f'din l-ewwel seduta s-Soċjetà ntimata resqet rikors fejn talbet lit-Tribunal Industrijali biex fil-lista tax-xhieda jiġu nklużi s-Sur Joe Farrugia li jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali tal-Assoċjazzjoni ta' min iħaddem u lil Ms Diane Vella Muscat Direttriċi Ġenerali tad-Dipartiment tal-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali.*
>
> *Dr. Frank Cassar għan-nom tar-rikorrent oġġezzjoni li dawn iż-żewġ xhieda jiġu nklużi fil-lista tax-xhieda għar-raġuni, li s-soċjetà fit-talba tagħha ma spjegatx għall-liema raġunijiet dawn qed issejjħilhom kif ukoll fi kwalunkwe każ dawn ma kienux involuti fil-każ inkwestjoni.*
>
> *Matul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors għan-naħa tas-soċjetà rtiraw li jressqu bħala xhud lill Ms Diane Vella Muscat, però nsistew li s-Sur Farrugia għandu jiġi mressaq bħala xhud għar-raġuni, li kien fuq parir tas-Sur Farrugia li s-soċjetà ħadet id-deċiżjoni li tittermina l-impieg tar-rikorrent mingħajr ma tiġi mogħtija raġuni kif ukoll, li lanqas jingħata in-*notice money *għar-raġuni li r-rikorrent kien pensjonat u l-età tiegħu kienet aktar mill-età tal-irtirar.*
>
> *It-Tribunal Industrijali wara li eżamina t-talba tas-soċjetà u l-oġġezzjoni tar-rikorrent u wara li jikkunsidra li l-każ inkwestjoni ma kienx każ li jittratta terminazzjoni ta' impieg bħal fil-każ ta' dixxiplina jew sensja, iżda kien każ fejn kien qed jiġi msemmi li fuq parir tas-Sur Farrugia s-socjetà kellha dritt li tittermina l-impieg mingħajr raġuni u lanqas jiġi mħallas in-*notice money *għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, dan it-*

*Tribunal Industrijali jiddeċiedi li jilqa' t-talba tas-soċjetà li s-Sur Joe Farrugia jiġi nkluż fil-lista tax-xhieda.*

*Dan it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll, li meta s-sur Farrugia jigi msejjaħ biex jixhed fost affarijiet oħra li jista' jiġi mistoqsi, huwa għandu jindika lit-Tribunal Industrijali liema huwa dawk il-provvedimenti tal-liġi li jippermettu li mpjegat li jkun ġie ngaġġat wara l-età tal-pensjoni jista' l-impieg tiegħu jiġi terminat mingħajr raġuni u mingħajr ma jibbenefika minn* notice period"

## L-Appell

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-14 ta' Lulju, 2020, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-digriet appellat tat-Tribunal, u b'hekk tiċħad it-talba tas-soċjetà appellata sabiex tressaq bħala xhud lil Joseph Farrugia. L-aggravju tiegħu ewlieni huwa li t-Tribunal fid-digriet appellat tiegħu, għamel apprezzament żbaljat ta' fatti, kif wkoll ta' liġi.

## Ir-Risposta tal-Appell

8. Is-soċjetà appellata wieġbet billi preliminarjament issottomettiet li l-appell interpost huwa wieħed irritu u null, stante li l-appellant ma kienx talab il-permess tat-Tribunal sabiex jappella mid-digriet appellat. Dan filwaqt li talbet lil din il-Qorti sabiex it-Tribunal jitħalla jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu taħt is-subartikolu 77(2) tal-Kap. 452 u sabiex tikkonferma d-digriet appellat u tiċħad it-talbiet kollha tal-appellant b'spejjeż doppji kontrih.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi qabelxejn sabiex tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mis-soċjetà appellata, fejn qiegħda tikkontendi li l-appellant kellu jottjeni l-permess tat-Tribunal qabel ma intavola l-appell odjern.

10. Is-subartikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

> *(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

u dan filwaqt li s-subartikolu (10) tal-istess artikolu jgħid li:

> *"(10) Meta digriet interlokutorju jkun ingħata* in camera*, dan għandu għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u għall-għanijiet tal-kalkolu ta' kull żmien li jkun hemm fih stabbilit, jitqies bħala li jkun inqara bil-miftuħ fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet mill-qorti* in camera*."*

11. Għalhekk, fil-każ odjern l-appellant kellu l-ewwel jottjeni l-permess tat-Tribunal qabel ma jintavola l-appell odjern, anki jekk dan kien wieħed mogħti *in camera,* għaliex f'dak il-każ huwa kellu jippreżenta l-appell tiegħu fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-ewwel seduta li t-Tribunal ikun żamm wara li ngħata

l-imsemmi digriet. Iżda jirriżulta mill-atti li dan m'għamlux u għalhekk din il-Qorti ma tistax tisma' l-appell tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiddikjara li hu rritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**